XEWKIJA

*MINUTI*
*KUNSILL LOKALI XEWKIJA*
*LAQGĦA NRU 393*
*IS-SITT KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 21*
*Il-Ġimgħa 29 ta' Mejju, 2009*

*Il-Membri tal-Kunsill tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fis-7.15pm.*

*Preżenti:* *Dr. Monica Vella - Sindku*
*Mr. Joseph Vella - Viċi Sindku*
*Mr Hubert Saliba*

*Skużati:* *Mr. Teddy Mizzi*
*Dr. Marthese Portelli*

*Uffiċjali:* *Mr. Ruben Cassar*

*Intqalet it-talba.*

*Is-Sindku talbet sabiex il-Minuti tal-Laqgħa Numru 392 jiġu diskussi u approvati fil-laqgħa li jmiss. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.*

**1. Laqgħa Pubblika**

Minuti tal-Laqgħa Pubblika qed jiġu annessi ma' dawn il-Minuti.

**2. Budget 2009-2010 u Business Plan 2009-2012**

Dawn id-dokumenti kienu tqassmu lill-membri kollha u ġew diskussi wkoll waqt il-laqgħa pubblika. Il-Kunsill reġa' ddiskuta l-'Budget 2009-10' u l-'Business Plan 2009-12' u ġew approvati unanimament.

**3. Financial Statements 2008/09**

Dan id-dokument kien diġa tqassam lill-membri kollha tal-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill u qabel li għandha tingħata l-attenzjoni biex matul is-sena finanzjarja li jmiss jiġi eliminat l-iżbilanċ. Il-Kunsill approva unanimament dan ir-rapport finanzjarju. Dan ir-rapport għad jistgħu jsirulu aġġustamenti mill-Awditur. Għalhekk fil-laqgħat li jmiss jerġa' jitressaq għall-approvazzjoni tal-Kusnill il-Financial Statement 2008/09 kif ikun aġġustat mill-Awditur.

**4. Il-Kunsill approva li jsiru l-ħlasijiet kif imniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nr. 6-14**

**5. Laqgħa mal-Ħaddiema tal-Kunsill**

Is-Sindku nformat lill-Kunsill dwar dak li ġara wara li kienet saret laqgħa mal-ħaddiema tal-Kunsill, magħrufa bħala tal-iskema tal-IPSL. Fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill dawn il-ħaddiema

kienu hawn preżenti ħlief Michael Buttigieg li kien bil-leave. Flimkien ma' Martin Grima, Mario Bosios u Mario Zammit l-Kunsill kien iddiskuta kif ser jinqasam ix-xogħol peress li riedna nibdew ix-xogħol fl-għassa tal-pulizija. Waqt dik il-laqgħa ħadd minn dawn il-ħaddiema ma ilmenta dwar kif ser jinqasmu fuq il-post tax-xogħol. L-għada tal-laqgħa, jiġifieri fil-21 ta' April 2009, il-ħaddiema kollha bdew jaqilgħu diversi problemi u fost affarijiet oħra ma riedux jużaw għodda minn tagħhom, riedu jkunu jafu x'xogħol suppost jagħmlu skond il-grad tagħhom u barra minn hekk riedu li s-Segretarju jew xi ħadd mill-Kunsill jeħdilhom l-għodda fuq l-lant tax-xogħol għax ma riedux iġorru għodda fil-vetturi tagħhom. Ix-xogħol li soltu kienu jagħmlu, ma riedux jagħmluh u lanqas bdew ix-xogħol fl-għassa tal-pulizija kif kien mifthiem mal-Kunsill fil-ġurnata ta' qabel. Is-Segretarju nforma mill-ewwel lis-Sindku b'din is-sitwazzjoni. L-għada, l-Erbgħa 22 ta' April 2009, is-Sindku u s-Segretarju sejħu lill-ħaddiema biex jiltaqgħu magħhom u jiddiskutu xi problemi kellhom. Il-ħaddiema ma riedux li jitkellmu mal-Kunsill qabel ikollhom ir-rappreżentanta tagħhom tal-General Workers Union Ms Margaret Magrin. X'ħin waslet Ms Magrin il-ħaddiema daħlu fl-uffiċċju tal-Kunsill u bdejna niddiskutu l-problemi li kellhom. Is-Sindku informat lil Ms Magrin dwar il-laqgħa li l-Kunsill kien għamel jumejn qabel mal-ħaddiema u dwar kif kellu jitqassam ix-xogħol. Is-Sindku qalet li kienx ġustifikat għall-Kunsill li kien diġa iltaqa' mal-ħaddiema biex isir pjan ta' xogħol bi qbil mal-istess ħaddiema biex illum jumejn wara l-istess ħaddiema qed jaqilgħu dawn il-problemi kollha. Ms Magrin li kienet qed titkellem f'isem l-erba' ħaddiema qalet li wara li kienet diġa tkellmet magħhom, huma lesti li jagħmlu x-xogħol kif soltu jaħdmu u anke jibdew ix-xogħol tal-għassa. Il-ħaddiema kienu lesti li jużaw ukoll l-għodda tagħhom jekk ikun meħtieġ. Il-Kunsill minn naħa tiegħu se jixtri l-għodda li jkun hemm bżonn kif dejjem għamel u b'hekk kemm jista' jkun il-ħaddiema ma jużawx l-għodda tagħhom. Ms Magrin qalet ukoll li l-ħaddiema xtaqu li ma jinfirdux fuq il-lant tax-xogħol u joqgħodu flimkien jirranġaw l-għassa u wara li jeħilsu jkomplu bix-xogħol tal-ġonna pubbliċi.

Is-Sindku qalet li l-Kunsill m'għandux oġġezzjoni dwar dan, l-importanti li jsir ix-xogħol. L-iskop li jinqasmu f'żewġ gruppi kien biex il-ġonna pubbliċi ma jitħallewx jimtlew bil-ħaxix għax kif jgħidu huma stess imbagħad ibatu aktar biex inaddfuhom. Iżda jekk huma kuntenti li jaħdmu fi grupp wieħed, jistgħu jaħdmu hekk.

Għalhekk wara dik il-laqgħa s-sitwazzjoni mal-ħaddiema rritornat għan-normal u beda x-xogħol fl-għassa tal-pulizija u aktar tard bdew inaddfu l-ġonna pubbliċi.

## 6. Materja oħra

i. Is-Sindku rringrazzjat lill-Kunsill għall-bukkett fjuri li ntbagħat lilha fl-okkażżjoni tat-twelid tat-tifla tagħha Martina.

ii. Il-Kunsill qabel li kif bħalissa qed isir xogħol ta' kisi bit-tarmak fi Triq Kav. L.Z. Haber minn Wasteserv Ltd b'konnessjoni mal-proġett tagħhom tal-bini ta' Civic Amenity Site f'tal-Kus, għandna nagħmlu applikazzjoni mall-Mepa biex titneħħa dik ir-rampa li hemm perikoluża fl-istess triq fejn Ġnejnet it-Tfal. Il-Perit Saliba se jiġi mitlub biex jagħmel l-applikazzjoni meħtieġa.

iii. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li kien irċieva stima ta' lampi biex jeħlu madwar il-kopla tal-Knisja u b'hekk l-istess kopla tkun tista' tingħata d-dawl. L-istima għal-lampi kollha (li fil-preżent huma kollha maħruqin) hija ta' €960.01. Il-Kunsill qabel li

nordnaw dawn il-lampi. Jekk fil-futur il-Kunsill jagħmel sistema ġdida ta' dawl fuq il-Knisja, dawn il-lampi jkunu jistgħu jintużaw ukoll. Il-Kunsill qabel li x-xogħol meħtieġ biex jeħlu dawn il-lampi jsir minn Charlie u Pawlu Attard. L-ispiża biex jiġu installati l-lampi fuq il-kopla mistennija li tkun madwar €200.

iv. Il-Kunsillier Hubert Saliba ssuġġerixxa biex fil-jiem tal-festa jitpoġġew żewġ bins on wheel fi Triq Arc Ciantar/Triq San Pawl biex jintużaw għat-tindif li jkun hemm bżonn. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u għalhekk il-kuntrattur KIP Għawdex Ltd se jiġi avżat biex ipoġġi żewġ bins on wheels li jkunu jitbattlu kuljum matul il-jiem tal-festa.

v. Raymond Caruana ta' 19 Triq Ta' Ġokk talab li l-bankina tiegħu ssir mill-ġdid peress li mkissra. Il-Kunsill qabel li x-xogħol meħtieġ isir mill-WD.

vi. Is-Segretarju nforma li rċieva stima dwar tisqija tal-ġonna pubbliċi minn għand Richard Attard. L-istima hija ta' €30 għal kull bowser tal-ilma. Il-Kunsill qabel li naċċettaw din l-istima.

vii. Il-Kunsillier Hubert Saliba ppropona sabiex meta jinħarġu l-permessi għall-kiosks fi Triq Arc Ciantar għal żmien il-festa, il-bejjiegħa jiġu avżati biex ma jipparkjawx il-vetturi tagħhom fi Triq San Pawl peress li r-residenti tal-istess triq qed isibuha diffiċċli biex jidħlu u joħorġu u anke qed jgħalqulhom il-garaxxijiet tagħhom. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u għalhekk meta jiġu japplikaw għall-Kiosk, il-bejjiegħa se jiġu nformati biex ma jipparkjawx fi Triq San Pawl.

viii. Il-Kunsill qabel li d-Defile taż-żwiemel għandu jibda minn ħdejn Ġnien Castelvenere u jgħaddi minn Triq Ta' Ġokk, Triq Ħamrija, Triq Ċanga, Triq Sta Marija, Triq Kraba, Triq Sant'Indrija, Triq tal-Kanal, Triq Ħġejjeġ, Triq Torri Tingi, Triq San Zakkarija u jintemm fi Pjazza San Ġwann Battista. Il-Kunsill qabel ukoll li nordnaw trofew ta' tifkira biex jingħata lis-sidien li jġibu ż-żiemel tagħhom għat-tberik bi ħlas rispettiv mis-sidien stess.

ix. Il-Kunsill reġa' irċieva lmenti dwar il-ħin ta' ġbir ta' skart mill-Kuntrattur KIP Għawdex Ltd peress li qed jibda kmieni ħafna. F'dan il-ħin sar kuntatt bit-telefon ma' Raymond Mercieca (kuntrattur). Is-Sur Mercieca ġie nfurmat b'dawn l-ilmenti u ġie mitlub biex ma jibdix il-ġbir ta' skart qabel it-8.00am skond ukoll l-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt. Huwa qal li mill-ġimgħa d-dieħla se jibda jiġbor l-iskart wara it-8.00am.

x. Il-Kunsill qabel li nerġgħu norganizzaw il-korsijiet matul is-sajf. Ser isiru l-avviżi u l-applikazzjonijiet neċessarji dwar dawn il-korsijiet.

xi. Nazzereno Calleja ta' Triq Sta Katerina talab lill-Kunsill biex jirranġa l-bankina fi Triq Santa Katerina kantuniera ma' Triq Ħamsin peress li mkissra. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol jiġi ordnat għand l-WD.

xii. Il-Kunsill qabel li peress li l-MSD m'humiex qed jagħmlu Road Markings minkejja li ilna nordnawh ħafna, għandna nordnaw dan ix-xogħol għand Joe Magro.

xiii. Is-Sindku pproponiet li tiġi organizzata xi attivita fl-okkażżjoni ta' Jum il-Missier. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta. Is-Sindku se tieħu ħsieb torganizza din l-attivita.

xiv. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni li għamilna dwar fondi mill-EU taħt l-iskema Measurement 313 u 323. Il-Kunsill applika biex iġib fondi dwar il-proġett ta' Ġnien ta' Blankas. Is-Sindku rringrazzjat ukoll lil Dr Daniele Fantechi li għin biex din l-applikazzjoni setgħet issir.

**7. Korrispondenza: il-korrispondenza ġiet ċirkulata u diskussa**
**Mill-Korrispondenza**

i. Il-Kav. Frank Gatt informa lill-Kunsilli Lokali li għal darb'oħra l-Gozo College se jippubblika l-ktejjeb 'Is-Siġra tal-Ħajja'. Dan il-ktejjeb jingħata lill-istudenti li din is-sena skolastika jispiċċaw Year 6 u għalhekk is-sena d-dieħla jibdew jattendu fi skola ġdida. Il-Kunsill qabel li kif għamilna fis-snin preċedenti, nerġgħu ngħinu f'dan il-proġett u nħallsu l-ammont mitlub ta' €64.75 biex l-istudenti tax-Xewkija wkoll jingħataw dan il-ktieb.

ii. Is-Superjur tal-Museum tas-Subien talab l-għajnuna tal-Kunsill biex tkun tista' tittella' l-prize day tal-istess Museum. Il-Kunsill qabel li għandna ngħinu lil Museum u għalhekk se tingħata s-somma ta' €250.

iii. Ms Monique Craine lmentat mal-Kunsill dwar attivita industrijali li qed issir fi Triq Ta' Ġokk fejn hemm Ġnien Castelvenere. Ms Craine qalet li dawn l-inħawi saru perikolużi għat-tfal peress li qed ikun hemm ħafna trakkijiet u vetturi oħra u barra minn hekk qed iħammġu u anke jagħmlu ħsara lit-triq. Minn ritratti li bagħtet permezz ta' email jidher ċar li parti żgħira mill-asfalt tat-triq inqala u jidhru wkoll trakkijiet jgħabbu/iħottu materjal minn trakk għall-ieħor. Il-Kunsill iddiskuta dwar dan l-ilment u qabel li għandna mmorru fuq il-post u naraw min qed jagħmel il-ħsara u wara jittieħdu l-passi meħtieġa.

iv. Mario Cassar informa lill-Kunsill li bħala parti mill-attivitajiet ta' Notte Gozitana, huwa ser itella' wirja ta' arti. Huwa talab l-għajnuna tal-Kunsill biex din l-wirja tkun tista' ssir. Il-Kunsill qabel li għandna nitolbu lis-Sur Mario Cassar biex jgħaddi kopja ta' l-avviżi (posters) dwar din il-wirja u li fiha għandu jinkludi li din il-wirja qed tittella' bil-koperazzjoni tal-Kunsill Lokali Xewkija. Wara l-Kunsill jiddeċiedi kemm se jagħti għajnuna dwar din il-wirja.

v. Charles Bezzina nforma lill-Kunsill dwar żewġ kotba li ppubblika dan l-aħħar. Il-kotba huma 'Il-vittmi Għawdxin tat-Tieni Gwerra' u 'The Gozo Airfield'. Il-Kunsill qabel li nordnaw għoxrin ktieb, għaxra minn kull wieħed. Il-prezz ta' dawn il-kotba huwa €10.50 għal kull sett ta' żewġ kotba.

vi. Carmel Zammit, f'isem JP2 Foundation informa lill-Kunsill dwar attivita (kunċert mużikali) li jista' jiġi organizzatfix-Xewkija. L-ispiża biex tiġi organizzata din l-attivita hija ta' madwar €200. Il-Kunsill qabel li norganizzaw din l-attivita li tista' tkun bħala parti mill-attivitajiet ta' Jum il-Missier. Din l-attivita tista' ssir ukoll bħala parti mill-

attivitajiet li jsiru fi żmien il-festa partikolarment l-ikla li ssir il-Ġimgħa 12 ta' Ġunju fi Triq il-Kbira. Is-Sindku se tikkordina biex din l-attivita tkun tista' ssir.

vii. Permezz ta' Memo 28/2009, id-Dipartiment Għall-Gvern Lokali informa lill-Kunsilli Lokali dwar l-iskemi:- Enterprise Support Award u Green Challange Award. Il-Kunsill qabel li s-Segretarju għandu jgħaddi kopja ta' din l-email lill-membri kollha u b'hekk kull min jista' mill-membri tal-Kunsill għandu jressaq is-suġġerimenti tiegħu u jgħin biex napplikaw għal dawn l-iskemi.

viii. Il-Kunsill irċieva e mail anonima (li kienet tinkludi wkoll ritratti) dwar skart mitfugħ madwar il-bins on wheels li għandna fix-Xewkija. Min kiteb din l-email talab lill-Kunsill biex ineħħi dawn il-bins on wheels. Il-Kunsill qabel li dwar ittri/e mails anonimi m'għandux jieħu azzjoni. Sadanittant is-Segretarju nforma lill-Kunsill li meta waslet din l-e mail huwa kien mar fuq il-post jiċċekkja it-tlett bins on wheels li għandna fi Triq Ta' Ġokk, fi Triq Santa Marija u fi Triq Widnet il-Baħar u sab li kienu kollha miżmuma tajjeb. Il-kuntrattur kien ħa passi mmedjatament biex jitnaddfu dawn il-bins. Dawn il-bins jitbatlu kuljum iżda sfortunatament għad baqa' persuni irresponsabbli li meta jkunu mimlija xorta jarmu l-iskart tagħhom fl-art.

ix. The MBN Team infurmaw lill-Kunsilli Lokali, li qed ibiegħu l-ktieb ta' Alfred Sant 'L-Għalqa tal-Iskarjota' għal prezz ta' €12. Il-Kunsill qabel li nixtru ħames kotba biex jitpoġġew fil-librerija pubblika.

x. Dynamic Promotions infurmaw lill-Kunsill li għal darb'oħra se jorganizzaw il-Gozo Music Festival. Dan il-festival ser isir fil-Gozitano Complex ix-Xewkija. Huma talbu l-approvazzjoni tal-Kunsill biex dan ikun jista' jsir. Il-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni biex isir dan il-festival. Il-Kunsill jifhem ukoll li l-permessi meħtieġa għal dan il-festival għandhom jiġu akkwistati minn għand l-Awtoritajiet kompetenti.

xi. Il-Mepa talbet il-kummenti tal-Kunsill dwar applikazzjoni PC 0024/09. Din l-applikazzjoni hija dwar 'service road' fl-inħawi magħrufa bħala 'Iċ-Ċnus' fi Triq Mġarr. Mill-pjanta li għandna m'hemmx indikat ċar xi żvilupp ser isir u fejn ser tkun is-'service road'. Għalhekk il-Kunsill qabel li jitlob lill-Mepa biex jibgħatu pjanti aktar indikattivi dwar l-iżvilupp propost u wara jkun jista' jagħti l-kummenti tiegħu.

xii. Patricia Hamiltan informat lill-Kunsilli Lokali dwar offerta ta' kotba adattati għall-istudenti tal-iskola primarja. L-offerta hija li tixtri 35 ktieb għall-prezz ta' €78.75 u magħhom tingħata 70 ktieb ieħor b'xejn. Il-kotba huma 'L-Avventuri ta' Xadina Brikkuna', 'Rożina u l-Għar Misterjuż' u 'Stejjer Ekoloġiċi'. Il-Kunsill qabel li għandna nieħdu din l-offerta u għalhekk se jiġu ordnati dawn il-kotba.

xiii. Roy S. Perry talab li jiltaqa' mal-Kunsill biex jiddiskuti dwar possibilta li ssir airstrip fl-inħawi Ta' Lambert, fejn fil-preżent hemm il-Heliport. Il-Kunsill qabel li niltaqgħu mas-Sur Perry nhar il-Ġimgħa 5 ta' Ġunju.

xiv. Mick Hollis talab lill-Kunsill biex parti minn Triq Santa Katerina ssir 'one way'. Il-Kunsill qabel li nagħmlu talba lill-ADT dwar din il-proposta.

xv. Il-Kunsill irċieva korrispondenza dwar il-garanzija bankarja li trid issir dwar il-permess Ta' Blankas. Il-Kunsill qabel li f'Lulju li ġej inkunu nistgħu nagħmlu din il-garanzija bankarja u b'hekk il-permess mill-Mepa jkun jista' jinħareġ.

xvi. Is-Surmast tal-Iskola Primarja Rosa Magro talab l-għajnuna tal-Kunsill biex tiġi organizzata Skola Sajf. Il-Kunsill qabel li għandna ngħinu biex dan il-proġett jirnexxi.

xvii. Kevin Ebanda minn Alka Ceramics informa lill-Kunsill li qed jagħmel eżerċizzju f'diversi irħula dwar l-ismijiet tat-toroq. Huwa jara fejn ikun hemm toroq li għad m'għandhomx ismijiet imwaħla jew li jkunu nkisru u b'hekk jinforma lill-Kunsill biex dawn isiru mill-ġdid u jiġu nstallati. Il-Kunsill qabel li nitolbu stima biex isir dan l-eżerċizzju u jekk jingħata prezz raġjonevoli, nordnaw li jsir dan l-eżerċizzju.

xviii. Il-Mepa rċeviet l-applikazzjoni biex isir xogħol ta' rikostruzzjoni ta' Triq Mġarr. Il-Kunsill ilu ħafna jitlob sabiex jiltaqa' mal-Awtoritajiet konċernati biex jiddiskuti dwar dan il-proġett u jgħaddi s-suġġerimenti tiegħu. Sfortunatament minkejja li ktibna kemm 'l darba dwar dan s'issa għadha ma saret l-ebda laqgħa mal-Kunsill tax-Xewkija. Il-Kunsill qabel li nerġgħu niktbu lill-Ministru Għal Għawdex dwar dan u nitolbu sabiex issir laqgħa.

Il-Laqgħa spiċċat fl-9.45pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ġimgħa 26 ta' Ġunju 2009 fis-7.00pm.

| | |
|---|---|
| Ruben Cassar | Av. Monica Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |